Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 826/2008**

ta' l-20 ta' Awwissu 2008

li jipprovdi regoli komuni għall-għotja ta' għajnuna għall-ħażna privata ta' ċerti prodotti agrikoli

(ĠU L 223, 21.8.2008, p. 3)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 138/2009 tat-18 ta' Frar 2009	L 48	3	19.2.2009
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 484/2010 tat-3 ta' Ġunju 2010	L 138	1	4.6.2010

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 288, 30.10.2008, p. 12 (826/2008)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 826/2008

ta' l-20 ta' Awwissu 2008

li jipprovdi regoli komuni għall-għotja ta' għajnuna għall-ħażna privata ta' ċerti prodotti agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 43(a), (d) u (j) flimkien ma' l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li għandha tkun mogħtija għajnuna għall-ħażna privata ta' butir u tal-ġobnijiet Grana Padano, Parmigiano Reggiano u Provolone.

(2) L-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li għandha tingħata għajnuna għaz-zokkor abjad, żejt taż-żebbuġa, laħam tal-bhejjem ta' l-ifrat adulti frisk jew imkessaħ, ġobon li jżomm fit-tul u ġobon magħmul mill-ħalib tan-nagħġa u/jew tal-mogħża, laħam tal-majjal, tan-nagħaġ jew tal-mogħoż.

(3) Biex tkun implimentata l-iskema ta' għajnuna f'waqtha, għandhom ikunu pprovduti regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(4) Bħalissa, il-possibilità li tkun mogħtija għajnuna għall-ħażna privata hija pprovduta mir-Regolament tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq ta' ċerti prodotti. Dawk ir-regolamenti ġew sostitwiti mir-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(5) Biex ikunu simplifikati u titjieb l-effettività tal-mekkaniżmi ta' amministrazzjoni u kontroll, għandhom ikunu pprovduti regoli komuni għall-implimentazzjoni ta' l-iskema ta' għajnuna għall-ħażna privata.

(6) L-għajnuna għall-ħażna privata tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 28 u 31 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandha tkun jew stabbilita minn qabel jew deċiża permezz ta' sejħa għall-offerti.

(7) Skema ta' għajnuna għall-ħażna privata tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandha tkun implimentata meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet imsemmija f'dak ir-Regolament.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2008 (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 61).

▼B

(8) Skema ta' għajnuna għall-ħażna privata tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 tista' tkun implimentata meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet imsemmija f'dak ir-Regolament.

(9) Ir-ristrutturar ta' l-industrija taz-zokkor fil-Komunità wasslet għal differenzazzjoni reġjonali, b'uħud mir-reġjuni b'zokkor zejjed, jew minħabba l-produzzjoni lokali jew minħabba l-importazzjoni, u oħrajn bin-nieqes. Fir-reġjuni fejn hemm iż-żejjed, il-prezzijiet fil-livell tal-produttur huma mistennija li jkollhom pressjoni l-isfel billi l-provvista lokali hija iktar mill-bżonn. Fir-reġjuni fejn hemm in-nieqes, il-prezzijiet fil-livell tal-produttur huma mistennija li jkunu iktar iebsa billi l-provvista ma tlaħħaqx mal-bżonn. It-tnaqqis fil-prezz f'ċerti Stati Membri mhux se jkun rifless fil-prezz medju Komunitarju u għalhekk għandha ssir dispożizzjoni biex jinfetħu sejħiet għall-offerti biss fl-Istati Membri fejn il-prezz medju nazzjonali huwa inqas mit-80 % tal-prezz ta' referenza.

(10) Bħala regola ġenerali, biex ikunu ffaċilitati l-amministrazzjoni u l-kontroll, l-għajnuna għall-ħażna privata għandha tingħata biss lill-operaturi stabbiliti u reġistrati għal-iskopijiet tal-VAT fil-Komunità.

(11) Biex ikun ippruvdut kontroll effettiv tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa u z-zokkor, l-operaturi eliġibbli għal għajnuna għall-ħażna privata għandhom jilħqu kundizzjonijiet addizzjonali.

(12) Biex ikun żgurat li l-arranġamenti jistgħu ikunu segwiti sew, l-informazzjoni neċessarja biex ikun konkluż il-kuntratt tal-ħażna għandha tkun speċifikata fir-regolament preżenti kif ukoll l-obbligi tal-partijiet kontraenti.

(13) Sabiex l-iskema ssir aktar effettiva, il-kuntratti għandhom juru kwantità minima ċerta, skond il-prodott kif xieraq, kif ukoll l-obbligi li għandhom jitwettqu mill-parti kontraenti, partikolarment dawk li jħallu lill-awtoritajiet kompetenti li jiċċekkjaw l-operazzjonijiet tal-ħażna jagħmlu spezzjoni effetiva tal-kundizzjonijiet tal-ħażna.

(14) Meta l-għajnuna tkun deċiża permezz ta' sejħa għall-offerti, l-offerti għandu jkollhom l-informazzjoni neċessarja biex ikunu valutati, u għandu jkun provdut għal komunikazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

(15) Fuq il-bażi ta' l-offerti rċevuti, jista' jiġi ffisat ammont massimu ta' għajnuna. Madanakollu, jista' jkun hemm sitwazzjonijet fuq is-suq li minħabba fihom l-offerti kolha rċevuti jkollhom ikunu miċħuda.

(16) Il-ħażna tal-kwantità fil-kuntratt għall-perjodu miftiehem tikkonsisti f'wieħed mill-ħtiġiet primarji għall-għoti ta'l-għajnuna għall-ħażna privata. Sabiex titqies il-prattika kummerċjali u għal raġunijiet prattiċi, għandu jiġi permess marġini ta' tolleranza rigward il-kwantità suġġetta għall-għajnuna.

▼B

(17) Fil-każ ta' għajnuna stabbilita minn qabel, minħabba l-karattru ta' emerġenza ta' ċerti miżuri ta' ħażna privata minħabba ċirkustanzi ekonomiċi, jista' jkun hemm bżonn garanzija biex tiggarantixxi s-serjetà ta' l-applikazzjoni u biex tiżgura li dawk il-miżuri jkollhom l-effett mixtieq fuq is-suq. Il-garanzija relatata mas-sejħa għall-offerti għandha tiżgura li l-kwantitajiet offerti u possibilment aċċettati huma maħżuna skond il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Għalhekk, għandhom ikunu adottati dispożizzjonijiet għar-rilaxx u s-sekwestru tal-garanzija pprovduta skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 tat-22 ta' Lulju 1985 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' garanziji għall-prodotti agrikoli [1].

(18) Biex ikun żgurat li l-ħażna tkun amministrata sew, huwa xieraq li jkunu addottati dispożizzjonijiet biex jitnaqqas l-ammont ta' għajnuna li għandha titħallas meta l-kwantità maħżuna waqt il-perjodu ta' ħażna miftiehem huwa inqas mill-kwantità fil-kuntratt u meta l-perjodu ta' ħażna mhux osservat kompletament.

(19) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-suq u l-iżviluppi fis-suq jista' jkun xieraq li l-partijiet kuntraenti jintalbu jallokaw il-ħażniet tagħhom għall-esportazzjoni mill-mument li jitqegħdu fil-ħażna.

(20) Meta l-ammont ta' għajnuna għall-ħażna privata huwa stabbilita minn qabel għal ċerti prodotti tal-laħam, ir-regoli attwali jipprovdu għal perjodu ta' riflessjoni biex tkun tista' tkun valutata s-sitwazzjoni fis-suq qabel ikunu notifikati d-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għall-għajnuna. Barra minn hekk, meta xieraq, għandhom isiru disposizzjonijiet għal miżuri speċjali li japplikaw b'mod partikolari għall-applikazzjonijiet pendenti. Dawn il-miżuri speċjali iservu biex ikun evitat l-użu eċċessiv jew spekulattiv ta' l-iskema tal-ħażna privata. Dawn il-miżuri għandhom bżonn azzjoni rapida u l-Kummissjoni għandha tingħata l-poter li taġixxi mingħajr l-għajnuna tal-kumitat ta' amministrazzjoni u li tieħu l-miżuri kollha neċessarji mingħajr dewmien. Dawn il-miżuri speċjali għadhom fis-seħħ għall-laħam taċ-ċanga, laħam tal-majjal u laħam tan-nagħaġ u mogħoż. Biex ikun żgurat li l-iskema għall-ħażna privata għal dawn il-prodotti taħdem sew, hemm bżonn li jibqgħu fis-seħħ il-proċeduri attwali li jittieħdu miżuri kif huma diġà stabbiliti mingħajr tibdil sostanzjali.

(21) Hemm bżonn indikazzjoni tal-kundizzjonijiet fejn jista' jkun mogħti ħlas minn qabel, l-aġġustament ta' l-għajnuna fil-każi fejn il-kwantità kuntrattwali mhix rispettati bis-shiħ, il-kontrolli dwar il-konformità ma' l-intitolament għall-għajnuna, il-pieni possibbli u l-informazzjoni li għandha tkun innotifikata lill-Kummissjoni mill-Istati Membri.

(22) Għandhom jinħolqu wkoll regoli dettaljati dwar id-dokumentazzjoni, il-kontijiet, l-frekwenza u n-natura tal-kontrolli.

[1] ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).

▼B

(23) Għandhom jittieħdu passi xierqa sabiex jipprevjenu u jippenalizzaw l-irregolaritajiet u l-frodi. Għal din ir-raġuni, il-partijiet kuntraenti li jinstabu li għamlu dikjarazzjonijet foloz għandhom ikunu eskluży mill-iskema ta' għajnuna għall-ħażna privata għal sena.

(24) Dan ir-Regolament jinkorpora ċerti dispożizzjonijiet dwar il-ħażna privata li jinsabu fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 562/2005 tal-5 ta' April 2005 li jistabbilixxu regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward il-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ([1]), (KE) Nru 952/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxu regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 rigward l-amministrazzjoni tas-suq Komunitarju taz-zokkor u s-sistema tal-kwota ([2]), u (KE) Nru 105/2008 tal-5 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-intervent fuq is-suq tal-butir ([3]). Għaldaqstant, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu mħassra u dawn ir-Regolamenti għandhom ikunu emendati.

(25) Minbarra hekk, dan ir-Regolament jinkorpora d-dispożizzjonijet dwar il-ħażna privata tar-Regolamenti li ġejjin, li għandhom ikunu imħassra jew mibdula b'Regolament ġdid.

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3444/90 tas-27 ta' Novembru 1990 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-għoti ta' l-għajnuna għall-ħażna privata tal-laħam tal-majjal ([4]);

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2659/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 dwar regoli dettaljati għall-konċessjoni ta' ħażna privata għall-ġobon Grana Padano, Parmiggiano-Reggiano u Provolone ([5]);

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 907/2000 tat-2 ta' Mejju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 rigward l-għajnuna għall-ħażna privata fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella ([6]);

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2153/2005 tat-23 ta' Diċembru 2005 dwar l-iskema ta' għajnuna għall-ħażna privata taż-żejt taż-żebbuġa ([7]);

([1]) ĠU L 95, 14.4.2005, p. 11.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 39. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 707/2008 (ĠU L 197, 25.7.2008, p. 4).
([3]) ĠU L 32, 6.2.2008, p. 3.
([4]) ĠU L 333, 30.11.1990, p. 22. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).
([5]) ĠU L 284, 1.11.1994, p. 26. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 588/2007 (ĠU L 139, 31.5.2007, p. 16).
([6]) ĠU L 105, 3.5.2000, p. 6. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).
([7]) ĠU L 342, 24.12.2005, p. 39.

▼B

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 6/2008 ta' l-4 ta' Jannar 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-għoti ta' l-għajnuna għall-ħażna privata tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż ([1]);

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 85/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 dwar kundizzjonijiet speċjali għall-għoti ta' għajnuna għal ħażna privata ta' laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż ([2]);

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 414/2008 tat-8 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għat-tħaddim tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja għall-ħażniet privati ta' xi ġobon fiż-żmien tal-ħażniet 2008/2009 ([3]).

(26) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-kumitat ta' ġestjoni għall-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet Introduttorji

Taqsima 1

Ambitu u regoli ġenerali għall-għotja ta' għajnuna għall-ħażna privata

Artikolu 1

L-ambitu u d-definizzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni għall-għotja ta' l-għajnuna għall-ħażna privata għall-prodotti msemmija fl-Artikoli 28 u 31 tar-Regolament (KE) Nru 1254/2007.

Dan għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fir-Regolamenti tal-Kummissjoni li jew issir sejħa għall-offerti jew l-għajnuna għall-ħażna privata tkun stabbilita minn qabel.

2. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament "l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri" għandhom ifissru d-dipartimenti jew il-korpi akkreditati mill-Istati Membri bħala aġenziji ta' ħlas li jilħqu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 ([4]).

Artikolu 2

Eliġibbiltà tal-prodotti

1. Biex jikkwalifikaw għall-għajnuna għall-ħażna privata, minbarra l-ħtiġijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-prodotti għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet msemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 3, 5.1.2008, p. 13.
([2]) ĠU L 27, 31.1.2008, p. 3.
([3]) ĠU L 125, 9.5.2008, p. 17. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 750/2008 (ĠU L 202, 31.7.2008, p. 44).
([4]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

▼B

2. Il-butir maħżun fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru fejn kien prodott, għandu jissodisfa wkoll il-ħtiġijiet addizzjonali stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Kondizzjonijiet ta' għotjata' għajnuna għaz-zokkor abjad

1. Id-deċiżjoni li tingħata għajnuna għall-ħażna privata ta' zokkor abjad tista' tittiehed fejn jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-prezz Komunitarju medju għaz-zokkor abjad reġistrat fis-sistema ta' reġistru tal-prezzijiet huwa inqas mill-85 % tal-prezz ta' referenza;

(b) il-prezzijiet medji reġistrati għaz-zokkor abjad probabilment jibqgħu f'dak il-livell jew jonqsu f'xahrejn fuq il-bazi tas-sitwazzjoni tas-suq, meta jkunu meħuda f'kunsiderazzjoni l-effetti tal-mekkanismi tal-ġestjoni tas-suq mistennija u prinċiparjament l-irtirar.

Suġġett għall-kriterji stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, l-għotja ta' għajnuna għall-ħażna privata tista' tkun limitata għall-Istati Membri fejn il-prezz medju taz-zokkor abjad reġistrat fis-sistema tar-reġistru tal-prezzijiet huwa inqas mit-80 % tal-prezz ta' referenza. L-għajnuna għandha tkun mogħtija għaz-zokkor maħżun jew li għandu jkun maħżun mill-produtturi taz-zokkor f'dawn l-Istati Membri.

2. Il-ħażna privata taz-zokkor abjad tista' ssir fil-perjodu bejn l-1 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju tas-sena tas-suq li fiha tingħata l-għajnuna.

Artikolu 4

Kondizzjonijiet għal għotja ta' għajnuna għaż-żejt taż-żebbuġa

Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-prezz medju għandu jkun reġistrat fuq is-suq għal perjodu ta' mill-inqas ġimgħatejn.

Regoli dettaljati dwar ir-rappurtaġġ tad-*data* mill-Istati Membri lill-Kummissjoni huma stabbiliti fil-Parti A ta' l-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Kondizzjonijiet għal għotja ta' għajnuna għaċ-ċanga

Għajnuna għall-ħażna privata tista' tiġi deċiża meta l-prezz medju tas-suq Komunitarju għall-karkassi tal-bhejjem ta' l-ifrat adulti maskili espressi bħala tal-grad R3, ikkalkolat skond il-Parti B ta' l-Anness III, jiġi rreġistrat għal dak ta' EUR 2 291 għal kull tunnellata metrika, jew inqas.

▼B

Taqsima 2

Regoli ġenerali biex tkun stabbilita l-għajnuna għall-ħażna privata

Artikolu 6

Proċedura biex tkun stabbilita l-għajnuna

Biex ikun stabbilit l-ammont ta' għajnuna għall-ħażna privata tal-prodotti msemmija fl-Artikoli 28 u 31 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-Kummissjoni għandha tagħmel sejħa għall-offerti għal perjodu limitat f'konformità ma' l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament jew tistabbilixxi l-għajnuna minn qabel f'konformità ma' l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Offerti u applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-ħażna privata

▼C1

1. Operatur li qiegħed ifittex l-għajnuna jista' jew jitfa' offerta skond l-Artikolu (10)(1), jew jagħmel applikazzjoni skond l-Artikolu 17(1) ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fejn il-prodotti huma maħżuna jew għandhom ikunu maħżuna.

▼B

2. Fis-setturi fejn l-iskema ta' ħażna hija miftuħa biss għal reġjun wieħed jew numru ta' reġjuni jew Stati Membri, l-offerti jew l-applikazzjonijiet jistgħu isiru f'dawk ir-reġjuni jew Stati Membri biss.

3. L-offerti jew l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-ħażna privata tal-butir mielaħ jew mingħajr melħ, u ġobon, għandhom jirrigwardaw ukoll il-prodotti li diġà ġew maħżuna.

4. L-offerti jew l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-ħażna privata tal-laħam frisk jew imkessaħ ta' l-annimali ta' l-ifrat, il-ħnieżer, in-nagħaġ, il-mogħoż u ż-żejt taż-żebbuġa, għandhom jirrigwardaw l-kwantitajiet ta' dawk il-prodotti li għadhom ma n.

5. L-offerti jew l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-ħażna privata taz-zokkor għandhom jirrigwardaw iz-zokkor li huwa diġà maħżun jew għad irid ikunu maħżun.

Artikolu 8

Kundizzjonijiet relatati ma' l-eliġibilltà ta' l-operaturi

1. L-operaturi li japplikaw jew li jitfgħu offerta għall-għajnuna għall-ħażna privata għandhom ikunu dawk stabbiliti u reġistrati għal-iskopijiet tal-VAT fil-Komunità.

2. Fil-każ taż-żejt taż-żebbuġa, l-operaturi li japplikaw jew li jitfgħu offerta għall-għajnuna għall-ħażna privata għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 u kull rekwiżit addizzjonali stabbilit fl-Anness IV.

3. Fil-każ taż-żokkor, l-operaturi li japplikaw jew li jitfgħu offerta għall-għajnuna għall-ħażna privata għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 u għandhom ikunu produtturi taz-zokkor kif imsemmi fil punt (a) ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 952/2006.

▼B

KAPITOLU II

Għajnuna mogħtija permezz ta' sejħa għall-offerti

Artikolu 9

Il-ftuħ tal-proċedura ta' l-offerti

1. Sejħa għall-offerti għandha tinfetaħ skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 bħala Regolament, minn hawn 'il quddiem imsejħa "Regolament tal-ftuħ tas-sejħa għall-offerti".

2. Ir-Regolament tal-ftuħ tas-sejħa għall-offerti jista' jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-prodotti koperti bil-kodiċi CN relevanti tagħhom, fejn applikabbli;

(b) l-unità ta' miżura tal-kwantitajiet (lottijiet, gruppi, btieti/fosos);

(c) il-perjodu kopert ("perjodu ta' l-offerti") u is-subperjodi differenti ta' meta tista' tintefa l-offerta;

(d) il-ħinijiet tal-ftuħ u tal-għeluq li fihom l-offerti jistgħu ikunu mitfugħa;

(e) il-perjodu ta' ħażna minimu u massimu;

(f) il-kwantità globali koperta mis-sejħa għall-offerti, fejn hi neċessarja;

(g) il-kwantità minima li kull offerta jeħtieġ li tkun tipprovdi dwarha;

(h) l-ammont tal-garanzija għal kull unità;

(i) il-perjodu tat-tqegħid fil-ħażna u ta' tneħħija mill-ħażna;

(j) l-ispeċifikazzjonijiet li għandhom jidhru fuq il-pakketti.

3. Ta' l-inqas sitt ijiem għandhom jgħaddu bejn li jidħol fis-seħħ ir-Regolament tal-ftuħ tas-sejħa għall-offerti u l-ewwel ġurnata li jistgħu ikunu mitfugħa l-offerti.

Artikolu 10

It-tressiq ta' l-offerti

1. L-offerti għadhom ikunu mitfugħa bil-metodu li l-Istat Membru kkonċernat jagħmel għad-dispożizzjoni ta' l-operaturi.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-offerti elettroniċi jkunu akkompanjati minn firma elettronika minn qabel fit-tifsira ta' l-Artikolu 2, punt (2) tad-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] jew b'firma elettronika li toffri assigurazzjonijiet ekwivalenti rigward il-funzjonalitajiet attribwiti lill-firma billi tapplika l-istess regoli u kundizzjonijet bħal dawk imfissra fid-dispożizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti elettroniċi u diġitalizzati, stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/563/KE, Euratom [2], u r-regoli ta' l-implimentazzjoni tagħha.

[1] ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12.
[2] ĠU L 251, 27.7.2004, p. 9.

▼B

2. L-offerta għandha tkun valida jekk dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin jintlaħqu.

(a) tindika referenza għar-Regolament tal-ftuħ tas-sejħa għall-offerti u d-data ta' skadenza għas-subperjodu tat-tressiq ta' offerti;

(b) tindika id-*data* ta' identifikazzjoni ta' l-offerent: l-isem, l-indirizz u n-numru tar-reġistrazzjoni VAT;

(c) jindikaw l-prodott bil-kodiċi CN relevanti tiegħu, fejn applikabbli;

(d) tindika il-perjodu ta' ħażna, fejn neċessarju;

(e) tindika l-kwantità tal-prodotti koperti mill-offerta;

(f) fejn il-prodotti huma diġà maħżuna, tindika l-isem u l-indirizz tal-post tal-ħażna, in-numru tal-lott/grupp/bettija/fossa tal-ħażna u fejn xieraq in-numru ta' approvazzjoni li jidentifika l-fabbrika;

(g) tindika l-ammont ta' għajnuna offerta għal kull unità u kull ġurnata f'Ewros u ċentesimi minbarra l-VAT;

(h) l-offerent għamel garanzija qabel spiċċa is-subperjodu ta' tressiq, skond id-dispożizzjonijiet tat-Titlu III tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85, u pprovda prova tagħha fl-istess perjodu;

(i) ma tinkludix kundizzjonijiet addizzjonali magħmula minn l-offerent ħlief dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament tal-ftuħ tas-sejħa għall-offerti;

(j) tkun fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru fejn l-offerta tkun mitfugħa.

3. L-offerti ma jistgħux ikunu irtirati jew emendati wara t-tressiq.

Artikolu 11

Eżaminazzjoni ta' l-offerti

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar il-validità ta' l-offerti fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artiklu 10(2).

2. Il-persuni awtorizzati li jirċievu u jeżaminaw l-offerti għandhom ikunu obbligati li ma jiżvelaw ebda partikolaritajiet relatati magħhom lil xi persuna mhux awtorizzata.

3. Fejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jiddeċiedu li offerta mhix valida, dawn għandhom jinfurmaw lill-offerent.

Artikolu 12

Notifika ta' l-offerti lill-Kummissjoni

1. L-offerti validi kollha għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri.

2. In-notifiki għandhom ikollhom id-data msemmija fl-Artikolu 10(2)(b).

▼B

3. In-notifiki għandhom isiru b'mezzi elettroniċi, bil-metodu indikat mill-Kummissjoni lill-Istati Membri, fil-perjodu speċifiku stabbilit mir-Regolament tal-ftuħ tas-sejħa għall-offerti fil-kwestjoni.

4. Il-forma u l-kontenut tan-notifiki għandhom ikunu definiti fuq il-bażi tal-mudelli li l-Kummissjoni għamlet disponibbli lill-Istati Membri.

5. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-prospetti nulli lill-Kummissjoni fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 3.

Artikolu 13

Deċiżjoni fuq il-bażi ta' l-offerti

1. Fuq il-bażi ta' l-offerti notifikati skond l-Artikolu 12(1), il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007:

(a) li ma tiffissax ammont massimu ta' għajnuna, jew

(b) li tiffissa ammont massimu ta' għajnuna.

2. Fejn japplika l-Artikolu 9(2)(f), il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, tistabbilixxi koeffiċjent, applikabbli għall-offerti li saru fil-livell ta' għajnuna massima, jekk l-għotja tal-kwantitajiet totali li għalihom kien offrut dak l-ammont iwassal li tinqabeż il-kwantità globali.

Bħala deroga mill-Artikolu 10(3), l-offerent, fil-każ li għalih japplika koeffiċjent bħal dan, jista' jiddeċiedi li jirtira l-offerta tiegħu fi żmien għaxart ijiem mill-pubblikazzjoni tar-Regolament imsemmi hawn fuq li jistabbilixxi l-koeffiċjent.

3. Deċiżjonijiet dwar l-għajnuna għall-ħażna privata msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 14

Deċiżjonijiet individwali dwar l-offerti

1. Fil-każ li ammont massimu ta' għajnuna kien stabbilit skond l-Artikolu 13(1)(b), l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jaċċettaw offerti li huma daqs jew inqas mill-ammont massimu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13(2). L-offerti l-oħra kollha għandhom ikunu rifjutati.

2. Fil-każ li ma kienx stabbilit ammont massimu ta' għajnuna, l-offerti kollha għandhom ikunu rifjutati.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri m'għandhomx jaċċettaw offerti li ma kienux notifikati skond l-Artikolu 12(1)

▼B

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jaddottaw id-deċiżjonijiet msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 13(1) u għandhom jinnotifikaw lill-offerenti bir-riżultat tal-parteċipazzjoni tagħhom fi żmien l-iskadenza ta' tliet ijiem ta' xogħol wara l-pubblikazzjoni.

4. Id-drittijiet u l-obbligi ta' min jirnexxilu jieħu offerta m'għandhomx ikunu trasferibbli.

Artikolu 15

Rekwiżiti primarji u garanziji

1. Il-ħtiġiet primarji fit-tifsira ta' l-Artikolu 20 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85 għandhom ikunu:

(a) li ma tkunx irtirata offerta,

(b) li jitqiegħed u jinżamm fil-ħażna mill-anqas 99 %, rispettivament 90 % għall-prodotti tal-laħam, 98 % għaż-żejt taż-żebbuġa u 95 % għall-ġobon, tal-kwantità fil-kuntratt għall-perjodu ta' ħażna miftiehem, bir-riskju għall-parti kontraenti fit-tifsira ta' l-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament u taħt il-kondizzjonijiet li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 22 (1) (a) ta' dan ir-Regolament.

(c) meta japplika l-Artikolu 28(3), li jiġu esportati l-prodotti skond waħda mit-tliet għażliet elenkati fih.

2. Garanziji għandhom ikunu rilaxxati immedjatament fejn:

(a) l-offerta mhix valida jew hija rifjutata, jew hija rtirata fil-każ ta' l-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 13(2);

(b) fil-każ ta' l-applikazzjoni ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 13(2) l-ammont tal-garanzija rilaxxata għandha tikkorrispondi għall-kwantità mhux aċċettata.

3. Garanziji għandhom ikunu rilaxxati fir-rigward ta' kwantitajiet li għalihom intlaħqu l-obbligi kuntrattwali.

4. Meta jinqabeż il-limitu taż-żmien għat-tqegħid fil-ħażna, kif stabbilit fl-Artikolu 25(1) ta' dan ir-Regolament, il-garanzija għandha tiġi ssekwestrata skond l-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

KAPITOLU III

Għajnuna stabbilita minn qabel

Artikolu 16

L-iffissar ta' l-ammont ta' l-għajnuna minn qabel

1. L-ammont ta' għajnuna għall-ħażna privata għandha tkun stabbilita minn qabel skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 bħala Regolament, minn hawn 'il quddiem imsejħa "Regolament li jistabbilixxi l-ammont ta' għajnuna minn qabel".

▼B

2. Ir-Regolament li jistabbilixxi l-ammont ta' għajnuna minn qabel jista' jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-prodotti koperti bil-kodiċi CN relevanti tagħhom, fejn applikabbli;

(b) l-ammont ta' għajnuna għall-ħażna privata għal kull unità ta' toqol għall-prodotti koperti;

(c) l-unità ta' miżura tal-kwantitajiet (lottijiet, gruppi, btieti, fosos);

(d) il-kwantità minima għal kull applikazzjoni;

(e) il-perjodu ta' applikazzjoni għall-għajnuna għall-ħażna privata;

(f) il-perjodu tat-tqegħid fil-ħażna u ta' tneħħija mill-ħażna;

(g) il-perjodu ta' ħażna minimu u massimu;

(h) l-ispeċifikazzjonijiet li għandhom jidhru fuq il-pakketti;

(i) l-ammont tal-garanzija għal kull unità, fejn applikabbli.

Artikolu 17

Applikazzjonijiet għall-għajnuna

1. L-applikazzjonijiet għadhom ikunu magħmula bil-metodu li l-Istat Membru kkonċernat jagħmel għad-dispożizzjoni ta' l-operaturi.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-applikazzjonijiet elettroniċi jkunu akkompanjata minn firma elettronika minn qabel fit-tifsira ta' l-Artikolu 2, punt (2) tad-Direttiva 1999/93/KE jew b'firma elettronika li toffri assigurazzjonijiet ekwivalenti rigward il-funzjonalitajiet attribwiti lill-firma billi tapplika l-istess regoli u kundizzjonijet bħal dawk imfissra fid-dispożizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti elettroniċi u diġitalizzati, stabbiliti mid-Deċiżjoni 2004/563/KE, Euratom, u r-regoli ta' l-implimentazzjoni tagħha.

2. L-applikazzjonijiet jkunu validi jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jindikaw referenza għar-Regolament li jistabbilixxi l-ammont ta' għajnuna minn qabel;

(b) Jindikaw id-*data* ta' identifikazzjoni ta' l-applikanti, isem indirizz u numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT;

(c) jindikaw l-prodott bil-kodiċi CN relevanti tiegħu, fejn applikabbli;

(d) jindikaw il-kwantità tal-prodotti;

(e) jindikaw il-perjodi ta' ħazna, fejn applikabbli;

(f) fejn il-prodotti huma diġà maħżuna, tindika l-isem u l-indirizz tal-post tal-ħażna, in-numru tal-lott/grupp/bettija/fossa tal-ħażna u fejn xieraq in-numru ta' approvazzjoni li jidentifika l-fabbrika.

▼B

(g) ma jinkludux kundizzjonijiet addizzjonali magħmula mill-offerent ħlief dawk stabbilit f'dan ir-Regolament u fir-Regolament li jistabbilixxi l-ammont ta' għajnuna minn qabel;

(h) tkun fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru fejn l-applikazzjoni tkun imressqa.

(i) l-applikant għamel garanzija skond id-dispożizzjonijiet tat-Titlu III tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85, u pprovda prova tagħha, fejn applikabbli.

3. Il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet m'għandux ikun emendat wara l-preżentazzjoni tagħhom.

Artikolu 18

Rekwiżiti primarji u garanziji

1. Meta japplika l-Artikolu 17(2)(i), il-ħtiġiet primarji skond it-tifsira ta' l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) li ma tkunx irtirata l-applikazzjoni miftiehma;

(b) li jinżamm fil-ħażna mill-anqas 99 %, rispettivament 90 % għall-prodotti tal-laħam, 98 % għaż-żejt taż-żebbuġa u 95 % għall-ġobon, tal-kwantità fil-kuntratt għall-perjodu ta' ħażna miftiehem, bir-riskju għall-parti kontraenti fit-tifsira ta' l-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament u taħt il-kondizzjonijiet li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 22(1)(a).

(c) meta japplika l-Artikolu 28(3), li jiġu esportati l-prodotti skond waħda mit-tliet għażliet elenkati fih.

2. Il-garanziji għandhom jitneħħew immedjatament meta l-applikazzjonijiet għall-kuntratti ma jiġux aċċettati.

3. Garanziji għandhom ikunu rilaxxati fir-rigward ta' kwantitajiet li għalihom intleħqu l-obbligi kuntrattwali.

4. Meta jinqabeż il-limitu taż-żmien għat-tqegħid fil-ħażna, kif stabbilit fl-Artikolu 25(1) ta' dan ir-Regolament, il-garanzija għandha tiġi ssekwestrata skond l-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

KAPITOLU IV

Kuntratti

Artikolu 19

L-iffirmar ta' kuntratti

Il-kuntratti għandhom ikunu konklużi bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu huma jew se jkunu maħżuna l-prodotti u l-offerent jew l-applikant magħżul li jissodisfa l-ħtiġijiet stabbiliti fl-Artikolu 8, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Parti Kontraenti".

▼B

Artikolu 20

Informazzjoni relatata mal-post tal-ħażna

Wara li n-notifika tkun riċevuta mill-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 14(3) jew wara l-konkluzjoni tal-kuntratt imsemmi fl-Artikolu 23(1) jew wara n-notifika jew il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet msemmija fl-Artikolu 23(2), l-offerent jew l-applikant magħżul għandu jibgħat lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru:

(a) l-isem u l-indirizz tal-post jew postijiet tal-ħażna u, għal kull post ta' ħażna, dettalji dwar il-pożizzjoni eżatta tal-fosos jew lottijiet jew btieti jew gruppi bil-kwantitajiet korrispondenti;

(b) notifika tad-data tad-dħul fil-ħażna għal kull lot li għadu mhux f'postu u l-qafas taż-żmien neċessarju biex titqiegħed il-kwantità miftiehma fil-ħażna; għal kull lot li jidħol fil-ħażna għandu jkun indikat il-kwantità u l-pożizzjoni preċisa tiegħu.

L-awtorità kompetenti tista' teħtieġ illi t-tagħrif msemmi hawn fuq jingħata mill-inqas jumejn qabel it-tqegħid fil-ħażna ta' kull lott individwali;

Artikolu 21

Elementi tal-kuntratt

Il-kuntratt għandu jinkludi elementi stabbiliti mill-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament, u jew l-elementi stabbiliti fid-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament tal-ftuħ tas-sejħa għall-offerti u fl-offerta, jew l-elementi stabbiliti fid-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament li jistabbilixxi l-ammont ta' għajnuna minn qabel u fl-applikazzjoni.

Artikolu 22

L-Obligazzjonijiet tal-Partijiet Kontraenti

1. Il-kuntratti għandhom ipoġġu ta' l-inqas l-obbligi segwenti fuq il-parti kontraenti:

(a) li jpoġġu u jżommu l-kwantità miftiehma fil-ħażna, fiż-żmien tal-ħażna miftiehem, bir-riskju u l-ispiża tiegħu f'kundizzjonijiet li jiżguraw li jżommu l-karatteristiċi tal-prodotti msemmija fl-Anness I, mingħajr ma jkunu sostitwiti l-prodotti maħżuna jew trasferiti għal xi post ieħor. Madanakollu, għal ġobon fejn il-parti kontraenti tagħmel rikjesta raġunata, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw lokazzjoni mill-ġdid tal-prodotti maħżuna. Għall-prodotti oħra, fejn il-parti kontraenti tagħmel rikjesta raġunata, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw lokazzjoni mill-ġdid tal-prodotti maħżuna f'każi eċċezzjonali biss.

(b) li jżommu d-dokumenti tat-toqol stabbiliti fil-ħin ta' dħul fil-post tal-ħażna;

▼B

(c) li jibgħatu d-dokumenti relatati mal-ħidmiet għat-tqegħid fil-ħażna lill-awtoritajiet kompetenti mhux aktar tard minn xahar wara d-data tat-tqegħid fil-ħażna msemmija fl-Artikolu 25(1);

(d) li jippermettu lill-awtorità kompetenti li tivverifikaw f'kull ħin li l-obbligi kollha miftiehma fil-kuntratt ikunu qed jiġu osservati;

(e) li l-prodotti maħżuna jkunu identifikabbli faċilment u individwalment: kull unità maħżuna individwalment għandha tkun immarkata sabiex in-numru tal-kuntratt, il-prodott u l-piż ikunu jidhru.

2. Il-parti kontraenti għandha tagħmel possibli li l-awtorità responsabbli twettaq il-kontrolli fuq id-dokumentazzjoni kollha, għal kull kuntratt, li jippermettu partikolarment li l-informazzjoni segwenti dwar il-prodotti mpoġġija fil-ħażna privata tkun verifikata:

(a) in-numru ta' approvazzjoni li jidentifika l-fabbrika u l-Istat Membru ta' produzzjoni, fejn neċessarju;

(b) l-oriġini u d-data ta' manifattura tal-prodotti jew għaz-zokkor, issena tas-suq tal-manifattura u fejn xieraq il-jum tal-qtil;

(c) id-data tat-tqegħid fil-ħażna;

(d) il-piż u n-numru ta' biċċiet ippakjati;

(e) il-preżenza fil-maħżen u l-indirizz tal-maħżen;

(f) id-data mistennija ta' meta jispiċċa l-perjodu tal-ħażna miftehma u kompletata mid-data attwali ta' meta jitneħħew.

Fir-rigward ta' punt (d) ta' l-ewwel subparagrafu, fil-każ tal-laħam li tpoġġa fil-ħażna wara tqattigħ, iddissussar parzjali jew l-iddissussar, l-użin għandu jitwettaq fuq prodotti li effettivament tqegħdu fil-ħażna u jista' jsir fil-post ta' tqattigħ, tad-dissussar parzjali jew tad-dissussar. Id-determinazzjoni tal-piż ta' prodotti li sejrin jitpoġġew fil-ħażna m'għandiex issir qabel il-konklużjoni tal-kuntratt.

3. Il-parti kontraenti jew, fejn applikabbli, l-operatur tal-post tal-ħażna, għandu jżomm rendikont tal-ħażna disponibbli fil-maħżen li tkopri, bin-numru tal-kuntratt:

(a) l-identifikazzjoni tal-prodotti mpoġġija fil-ħażna privata għal kull lott/grupp/bettija/fossa;

(b) id-dati tad-dħul fil-ħażna jew tal-ħruġ minnha;

(c) il-kwantità indikata għal kull ħażna għal kull lott/grupp/bettija/fossa;

(d) il-pożizzjoni tal-prodotti fil-maħżen.

▼B

Artikolu 23

Konkluzjonijiet ta' kuntratti għal għajnuna stabbilita minn qabel

1. Għall-prodotti diġà fil-post tal-ħażna, il-kuntratti għandhom ikunu konklużi fi żmien 30 ġurnata mid-data ta' meta waslet l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(2)(f) suġġetta, fejn xieraq, għal konferma sussegwenti dwar l-eliġibilltà tal-prodotti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 36(2). Fil-każ li ma jkunx hemm konferma ta' eliġibilltà, il-kuntratt ikkunċernat għandu jkun nulli u bla effett.

2. Għall-prodotti li għadhom mhumiex maħżuna, id-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għandhom ikunu notifikati mill-awtoritajiet kompetenti lil kull applikant fil-ħames jum xogħol mill-jum li fih kienet ippreżentata l-applikazzjoni, sakemm il-Kummissjoni ma taddottax miżuri speċjali f'konformità mal-paragrafu 3 matul dan il-perjodu; il-kuntratt għandu jkun meqjuż bħala konklużż fil-jum li tintbagħat in-notifika tad-deċiżjoni msemmija f'dan il-paragrafu.

3. Fil-każ ta' għajnuna stabbilita minn qabel għall-laħam taċ-ċanga, tal-majjal, tal-mogħoż u tan-nagħaġ, meta eżami tas-sitwazzjoni turi li sar użu eċċessiv ta' l-iskema ta' l-għajnuna stabbilita minn dan ir-Regolament, jew li hemm riskju ta' użu eċċessiv, il-Kummissjoni tista':

(a) tissospendi l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal mhux aktar minn ħamest ijiem xogħol; l-applikazzjonijiet għall-konklużjoni tal-kuntratti ippreżentati matul dak il-perjodu m'għandhomx jiġu aċċettati,

(b) tistabbillixxi persentaġġ waħdieni li permezz tiegħu il-kwantitajiet fl-applikazzjonijiet għall-konklużjoni tal-kuntratti huma mnaqqsa, suġġetti għall-osservanza tal-kwantità minima miftiehma fejn xieraq,

(c) tirrifjuta l-applikazzjonijiet magħmula qabel il-perjodu taż-żmien tas-sospensjoni li l-aċċettazzjoni tagħhom tkun ġiet deċiża matul il-perjodu taż-żmien tas-sospensjoni.

Artikolu 24

Konkluzjoni ta' kuntratti għall-għajnuna mogħtija permezz ta' sejħa għall-offerti

Wara t-trasmissjoni sħiħa ta' l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għandha tinnotifika lill-offerent magħżul li l-informazzjoni kollha neċessarja ingħatat u li minn dak il-mument huwa kkunsidrat li ġie konklużż kuntratt.

Id-data tal-konklużjoni tal-kuntratt għandha tkun dik li fiha l-awtorità kompetenti ta' l-Istati Membri nnotifikaw il-partijiet kontraenti.

Artikolu 25

Tqegħid fil-ħażna ta' prodotti li għadhom mhumiex maħżuna

1. Għall-prodotti li t-tqegħid fil-ħażna tagħhom issir wara l-konklużjoni ta' kuntratt, il-kwantità miftehma għandha tkun imqiegħda fil-ħażna fi żmien 28 jum wara d-data tal-konkluzjoni tal-kuntratt.

▼B

2. Il-prodotti jistgħu jiġu mqiegħda fil-ħażna f'lottijiet/gruppi/btieti/fosos individwali, sakemm kull lott/grupp/bettija/fossa ikun jirrapreżenta l-kwantità mpoġġija fil-ħażna f'dik il-ġurnata skond il-kuntratt u skond il-post tal-ħażna.

3. It-tqegħid fil-ħażna għandu jintemm fil-jum li fih jitqiegħed fil-ħażna l-aħħar lott/grupp/bettija/fossa individwali tal-kwantità miftiehma.

Artikolu 26

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar it-tqegħid fil-ħażna ta' prodotti tal-laħam

1. Fil-każ taċ-ċanga, il-partijiet kontraenti jistgħu, permezz tas-superviżjoni permanenti tal-awtorità kompetenti u matul il-perjodu ta' tpoġġija fil-ħażna, iqattgħu, parzjalment jiddissussaw jew jiddissussaw il-prodotti kollha jew parti minnhom, sakemm kwantità biżżejjed ta' karkassi tkun użata biex tassigura li t-tunnaġġ li dwaru l-kuntratt ikun ġie konkjuż jkun maħżun u li l-laħam kollu li jirriżulta minn dik l-operazzjoni jitqiegħed fil-ħażna. Il-partijiet kontraenti li jixtiequ jagħmlu użu minn din il-possibiltà għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti sa mhux aktar tard mill-jum li fih jinbeda it-tqegħid fil-ħażna.

Madanakollu, l-awtorità kompetenti tista' titlob li n-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu issir għallinqas jumejn xogħol qabel it-tqegħid fil-ħażna ta' kull lott indiviwali.

L-għeruq il-kbar, il-qrieqeċ, l-għadam, l-biċċiet tax-xaħam u l-bċejjeċ l-oħra mħollija mit-tqattigħ, id-dissussar parzjali jew id-dissussar ma jistgħux jiġu maħżuna.

2. Għall-prodotti tal-laħam, it-tqegħid fil-ħażna għandu jibda, għal kull lott individwali tal-kwantità miftiehma, fil-jum li fih jiġi taħt il-kontroll ta' l-awtorità kompetenti. Dak il-jum għandu jkun il-jum li fih l-piż nett tal-prodott frisk u imkessaħ frisk ikun detterminat:

(a) fil-post tal-ħażna, meta l-prodott huwa ffriżat fil-post;

(b) fil-post tal-friża, meta l-prodott jiġi ffriżat f'faċilitajiet xierqa 'il barra mill-post tal-ħażna;

(c) fuq il-post fejn jitneħħa l-għadam jew isir il-qtugħ, meta l-laħam jitqiegħed fil-ħażna wara t-tneħħija ta' l-għadam jew wara l-qtugħ.

Artikolu 27

Perjodu ta' ħazna miftiehem

1. Fejn il-prodotti jitqegħdu fil-ħażna wara l-konkluzjoni ta' kuntratt, il-perjodu tal-ħażna miftiehem jibda fil-jum wara dak li fih tqiegħed l-aħħar lott/grupp/bettija/fossa għall-ħażna.

▼B

2. Għall-prodotti diġà fil-ħażna, il-perjodu ta' ħażna miftiehem għandu jibda fil-jum ta' wara li l-awtoritajiet kompetenti jkunu rċevew l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 10(2)(f) u 17(2)(f).

3. Għż-żejt taż-żebbuġa, il-perjodu ta' ħażna miftiehem m'għandux jibda qabel ikunu ssiġillati l-btieti wara li jkunu ttieħdu l-kampjuni.

4. L-aħħar ġurnata tal-perjodu tal-ħażna tista' tkun stabbilita fir-Regolament tal-ftuħ tas-sejħa għall-offerti jew ir-Regolament li jistabbilixxi l-ammont ta' għajnuna minn qabel, kif imsemmi fl-Artikolu 9(2)(i) u 16(2)(f).

Artikolu 28

Tneħħija mill-ħażna

1. It-tneħħija mill-ħażna tista' tibda fil-jum ta' wara l-aħħar jum tal-perjodu ta' ħażna miftiehem jew, skond il-każ, mid-data speċifikata fir-Regolament li jistabbilixxi l-ammont ta' għajnuna minn qabel jew il-ftuħ tas-sejħa għall-offerti.

2. Tneħħija mill-maħżen għandha tkun f'lottijiet sħaħ ta' ħażna jew, jekk l-awtorità kompetenti hekk tawtorizza, fi kwantitajiet iżgħar.

Madanakollu, fil-każ imsemmi fl-Artikolu 27(3) u fl-Artikolu 36(5)(a), kwantitajiet issiġillati biss jistgħu ikunu mneħħija mill-ħażna.

3. Jista' jkun ipprovdut li ma' l-iskadenza ta' xahrejn tal-perjodu ta' ħażna, il-parti kontraenti tista' tneħħi mill-ħażna parti mill-kwantità tal-prodotti jew il-kwantità kollha taħt kuntratt, suġġett għall-minimu ta' 5 tunellati għal kull parti kontraenti u għal kull post tal-ħażna jew, jekk hemm anqas minn 5 tunnellati disponibbli, il-kwantità kollha taħt kuntratt ġol-post tal-ħażna, basta li, fi żmien 60 ġurnata mit-tneħħija tagħhom mill-ħażna, tintleħaq waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-prodotti telqu mit-territorju doganali tal-Komunità mingħajr ipproċessar ulterjuri,

(b) il-prodotti laħqu d-destinazzjoni tagħhom mingħajr aktar proċessar, fil-kazijiet riferiti fl-Artikolu 36(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 ([1]), jew

(c) il-prodotti tqiegħdu mingħajr iktar proċessar f'maħżen tal-forniment approvat skond l-Artikolu 40(2) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999.

Il-perjodu miftiehem għal kull lott individwali għall-esportazzjoni għandu jispiċċa fil-ġurnata preċedenti:

(a) id-data tal-ħruġ mill-maħżen; jew

(b) Il-jum ta' l-aċċetazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni, meta l-prodott ma jkunx ġie mċaqlaq.

([1]) ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11.

▼B

L-ammont ta' l-għajnuna għandu jiġi mnaqqas fil-proporzjon tat-tnaqqis fil-perjodu taż-żmien tal-ħażna billi jiġu applikati ammonti ta' kuljum stabbiliti mill-Kummissjoni skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Għall-iskopijiet ta' dan il-paragrafu, għandha tiġi fornita prova ta' l-esportazzjoni skond l-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 fil-każ ta' prodotti li jikkwalifikaw għal rifużjoni.

Fil-każ ta' prodotti li ma jikkwalifikawx għal rifużjoni, prova ta' esportazzjoni għandha tkun fornita fil-każijiet li jipprovdi għalihom l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 billi tkun ipprovduta l-kopja ta' kontroll T5 oriġinali, skond l-Artikoli 912a, 912b, 912c, 912e u 912g tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([1]). Fil-kaxxa 107 tal-kopja tal-kontroll għandu jkun indikat in-numru ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 29

Notifikazzjoni tat-tneħħija

Il-parti kontraenti għandha tinnotifika l-awtorità kompetenti waqt bi ħsiebha tibda tneħħi l-prodotti mill-ħażna, skond id-dispożizzjonijet imsemmija fl-Artikolu 36(6).

Fil-każi fejn il-ħtiġijiet ta' l-ewwel paragrafu ma ntlaħqux iżda l-awtorità kompetenti hija sodisfatta li biżżejjed evidenza ġiet fornita, sa 30 ġurnata wara t-tneħħija mill-ħażna, tad-data tat-tneħħija mill-ħażna u l-kwantitajiet ikkonċernati, l-għajnuna għandha tkun imnaqqsa bi 15 % u għandha tkun imħallsa biss għal dak il-perjodu li għalih il-parti kontraenti tagħti evidenza sodisfaċenti lill-awtorità kompetenti li l-prodotti kien miżmum fil-ħażna kif miftiehem.

Fil-każi fejn il-ħtiġijiet ta' l-ewwel paragrafu ma ntlaħqux u l-awtorità kompetenti ma tkunx soddisfatta li biżżejjed evidenza ġiet fornita, sa 30 ġurnata wara t-tneħħija mill-ħażna, tad-data tat-tneħħija mill-ħażna u l-kwantitajiet ikkonċernati, m'għandha tingħata ebda għajnuna fir-rigward ta' dak il-kuntratt, u meta applikabbli, il-garanzija kollha għandha tkun sekwestrata għal dak il-kuntratt ikkonċernat.

KAPITOLU V

Ħlas ta' għajnuna

Artikolu 30

Applikazzjoni għal ħlas ta' għajnuna

1. L-għajnuna, jew, fil-każ li kien ingħata ħlas minn qabel skond l-Artikolu 31, il-bilanċ ta' l-għajnuna, għandha tkun imħallsa fuq il-bażi ta' applikazzjoni għall-ħlas mressaq mill-parti kontraenti fi żmien tliet xhur minn meta jispiċċa il-perjodu ta' ħażna miftiehem.

2. Meta l-parti kontraenti ma kienetx kapaċi turi dokumenti ta' appoġġ fil-limitu ta' żmien ta' tliet xhur għalkemm ħadmet immedjatament biex iġġibhom fil-ħin, din tista' tingħata estenżjoni, li ma tistax tkun iktar minn total ta' tliet xhur.

([1]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

▼B

3. Meta jiġi applikat l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 28(3) ta' dan ir-Regolament, il-prova meħtieġa għandha tiġi prodotta fil-limitu taż-żmien speċifikati fl-Artikolu 49(2), (4) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999.

Artikolu 31

Il-ħlas ta' l-għajnuna minn qabel

1. Wara 60 jum ta' ħażna, jista' jsir ħlas wieħed bil-quddiem, fuq it-talba tal-parti kontraenti, sakemm jiddepożita garanzija ta' l-istess ammont tal-ħlas bil-quddiem miżjud b'10 %.

2. Il-pagament bil-quddiem m'għandux jeċċedi l-ammont ta' l-għajnuna korrespondenti għall-perjodu ta' ħażna ta' 90 jum jew tliet xhur, fejn xieraq. Il-garanzija msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun meħlusa kif il-bilanċ ta' l-għajnuna jkun mħallas.

Artikolu 32

Ħlas ta' għajnuna

Il-ħlas ta' l-għajnuna jew il-bilanċ ta' l-għajnuna għandu jsir sa 120 jum wara d-data meta ġiet imressqa l-applikazzjoni għall-ħlas ta' l-għajnuna sakemm intleħqu l-obbligi tal-kuntratt u saru l-kontrolli ta' l-aħħar. Madanakollu, fil-każ li hemm xi inkejsta amministrattiva, il-ħlas ma jsirx qabel ikun rikonxxut l-intitolament.

Artikolu 33

Ħlas ta' għajnuna fil-każ ta' iddissussar fis-settur tal-laħam taċ-ċanga

1. Fil-kaz tat-tneħħija ta' l-għadam, jekk il-kwantità fil-fatt maħżuna ma taqbiżx is-67 kilogramma ta' laħam mingħajr l-għadam għal kull 100 kilogramma tal-laħam bl-għadam użat, ma għandha titħallas l-ebda għajnuna.

2. Jekk il-kwantità fil-fatt maħżuna taqbeż is-67 kilogramma imma hija inqas minn 75 kilogramma ta' laħam mingħajr għadam għal kull 100 kilogramm tal-laħam bl-għadam użat, l-ammont ta' l-għajnuna jiġi mnaqqas proporzjonalment.

3. Ma għandhom japplikaw l-ebda tnaqqis jew żieda fl-ammont ta' l-għajnuna meta l-kwantità fil-fatt maħżuna tkun ta' 75 kilogramma jew aktar tal-laħam mingħajr l-għadam għal kull 100 kilogramma ta' laħam bl-għadam użat.

Artikolu 34

Tnaqqis ta' l-ammont jew esklużjoni mill-ħlas

1. Minbarra f'każi ta' *force majeure*, jekk il-kwantità fil-fatt maħżuna matul il-perjodu taż-żmien tal-ħażna miftiehem tkun inqas mill-kwantità miftiehma u mhux inqas minn 99 % ta' din il-kwantità, l-għajnuna għandha titħallas għall-kwantità fil-fatt maħżuna. Madanakollu, jekk l-awtorità kompetenti jsibu li l-parti kontraenti aġixxit deliberatament u b'mod negliġenti, din tista' tiddeċiedi biex tnaqqas l-għajnuna iktar jew ma tħallasx l-għajnuna.

▼B

Għall-majjal, ċanga, laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż, l-għajnuna għandha titħallas għall-kwantità maħżuna fil-fatt jekk din tirrapreżenta mhux inqas minn 90 % tal-kwantità miftiehma.

Għaż-żejt taż-żebbuġa, l-għajnuna għandha titħallas għall-kwantità maħżuna fil-fatt jekk din tirrapreżenta mhux inqas minn 98 % tal-kwantità miftiehma.

Għall-ġobon, l-għajnuna għandha titħallas għall-kwantità maħżuna fil-fatt jekk din tirrapreżenta mhux inqas minn 95 % tal-kwantità miftiehma.

2. Minbarra f'każi ta' *force majeure*, jekk il-kwantità fil-fatt maħżuna matul il-perjodu taż-żmien tal-ħażna miftiehem tkun inqas mill-perċentwali indikati fil-paragrafu 1, iżda mhux inqas minn 80 % tal-kwantità miftiehma, l-għajnuna għall-kwantità fil-fatt maħżuna għandha titnaqqas bin-nofs. Madanakollu, jekk l-awtorità kompetenti jsibu li l-parti kontraenti aġixxit deliberatament u b'mod negliġenti, din tista' tiddeċiedi biex tnaqqas l-għajnuna iktar jew ma tħallasx l-għajnuna.

3. Minbarra f'każi ta' *force majeure*, jekk il-kwantità fil-fatt maħżuna matul il-perjodu ta' ħażna miftiehma tkun anqas mit-80 % tal-kwantità miftiehma, ebda għajnuna m'għandha tkun imħallsa.

4. Jekk il-limitu taż-żmien riferit fl-Artikolu 25(1) jinqabeż b'aktar minn għaxart ijiem, ma għandha tiġi konċessa l-ebda għajnuna.

5. Jekk minn kontrolli matul il-perjodu tal-ħażna jew mat-tneħħija minna, jirriżultaw prodotti difettużi, ebda għajnuna m'għandha titħallas għal dawk il-kwantitajiet. Il-bqija tal-lott tal-ħażna li għadha eliġibbli għall-għajnuna għandha tkun mhux inqas mill-kwantità minima msemmija fir-Regolament tal-ftuħ tas-sejħa għall-offerti jew ir-Regolament li jistabbilixxi l-ammont ta' għajnuna minn qabel. L-istess regola għandha tapplika meta parti mill-lott tal-ħażna huwa mneħħi għal dik ir-raġuni qabel il-perjodu ta' ħażna minima jew, qabel l-ewwel data aċċettata għall-operazzjonijet ta' tneħħija, meta din id-data hija prevista fir-Regolament tal-ftuħ tas-sejħa għall-offerti jew fir-Regolament li jistabbilixxi l-ammont ta' għajnuna minn qabel.

Prodotti difettużi m'għandhomx ikunu inklużi fil-kalkolu tal-kwantità effettivament maħżuna msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3.

6. Minbarra f'każi ta' *force majeure*, meta l-parti kontraenti ma tirrispettax it-tmiem tal-perjodu tal-ħażna miftiehem, jekk kienet stabbilita din id-data skond l-Artikolu 27(4), jew il-limitu ta' xagħrejn li hemm referenza dwaru fit-28(3) għat-totalità tal-kwantità maħżuna, kull jum ta' nuqqas ta' konformità ikun tfisser tnaqqis ta' 10 % fl-ammont ta' l-għajnuna għall-kuntratt f'dak il-każ. Madanakollu, dan it-tnaqqis ma jaqbix il-100 % ta' l-ammont ta' l-għajnuna.

▼B

KAPITOLU VI

Komunikazzjonijiet

Artikolu 35

Obbligi ta' komunikazzjonijiet mill-Istati Membri lill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni:

(a) ta' l-inqas darba fil-ġimgħa bil-prodotti u l-kwantitajiet li għalihom ġie konkluż kuntratt matul il-ġimgħa ta' qabel, mqassma skond il-perjodu ta' ħażna u meta applikabbli, il-kwantitajiet tal-prodotti li għalihom ġew imressqa applikazzjonijiet biex ikunu konklużi kuntratti;

(b) mhux iktar tard mill-aħħar tax-xahar, għax-xahar ta' qabel:

(i) il-kwantitajiet tal-prodotti mqiegħda jew mneħħija mill-ħażna matul ix-xahar kkonċernat u meta applikabbli, mqassma skond il-kategorija;

(ii) il-kwantitajiet tal-prodotti fil-ħażna matul ix-xahar kkonċernat u meta applikabbli, mqassma skond il-kategorija;

(iii) il-kwantitajiet tal-prodotti li għalihom spiċċa l-perjodu tal-ħażna miftiehem;

(iv) jekk il-perjodu tal-ħażna jkun ġie mqassar jew estiż, skond l-Artikolu 43 (d) (ii) u (iii) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-prodotti u l-kwantitajiet li għalihom il-perjodu tal-ħażna jkun ġie rrivedut u x-xhur oriġinali u rriveduti għat-tneħħija mill-ħażna.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri bil-mudell għan-notifiki kollha.

3. Iktar informazzjoni dettaljata dwar in-notifiki għandha tkun stabbilita fir-Regolament tal-ftuħ tas-sejħa għall-offerti jew ir-Regolament li jistabbilixxi l-ammont ta' għajnuna minn qabel.

KAPITOLU VII

Il-kontrolli u l-penali

Artikolu 36

Kontrolli

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji bil-ħsieb li jiżguraw l-konformita' ma' dan ir-Regolament. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu kontrolli amministrattivi sħaħ ta' l-applikazzjonijiet għall-għajnuna, li għandhom ikunu ssuplimentati b'kontrolli fuq il-post kif speċifikat fil-paragrafi minn 2 sa 8.

2. L-awtorità responsabbli għall-kontrolli għandha tagħmel kontrolli fuq il-prodotti li jidħlu fil-ħażna:

(a) għall-prodotti tal-laħam, fil-mument li jitqiegħdu fil-ħażna;

(b) għaż-żejt taż-żebbuġa, qabel ma jkun issiġillat fil-btieti;

▼B

(c) għal prodotti oħra, fi żmien 30 ġurnata mid-data ta' meta tqiegħdu fil-ħażna jew mid-data ta' l-irċevuta ta' l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(2)(f) jew 17(2)(f) għall-prodotti diġà fil-ħażna.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 26, 27(3) u l-punt (a) ta' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, biex ikun żgurat li l-prodotti maħżuna huma eliġibbli għall-għajnuna, kampjun rappreżentattiv ta' mill-inqas 5 % tal-kwantitajiet mqegħdha fil-ħażna għandhom ikunu kkontrollati fiżikament biex ikun żgurat li, fir-rigward ta' pereżempju, it-toqol, l-identifikazzjoni, in-natura u l-kompożizzjoni tal-prodotti, il-lottijiet maħżuna jikkonformaw mad-dettalji fl-applikazzjoni għall-konkluzjoni tal-kuntratt.

3. Meta l-Istat Membur jista' joffri raġuni valida, il-limitu ta' 30 jum stabblit fil-paragrafu 2 jista' jkun estiż bi 15-il jum.

4. Fil-każi li l-kontrolli juru li l-prodotti maħżuna ma jaqblux mal-ħtiġijiet ta' kwalità msemmija fl-Anness I, il-garanzija msemmija fl-Artikolu 9(2)(h) u fl-Artikolu 16(2)(i), jekk imressqa, għandha tkun issekwestrata.

5. L-awtorità responsabbli għall-kontrolli għandha:

(a) tissiġilla l-prodotti b'kuntratt, lott ta' ħażna jew kwantità iżgħar fiż-żmien tal-verifika prevista mill-paragrafu 2, jew

(b) tagħmel kontroll mhux imħabbar biex tiżgura li l-kwantità miftiehma qiegħda fil-post tal-ħażna.

Il-kontroll imsemmi fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu għandu jaqbel ma' ta' l-inqas 10 % tal-kwantità totali fil-kuntratt u għandu jkun rappresentattiv. Kontrolli bħal dawn għandhom jinkludu eżami tar-reġistri tal-ħażna kif imsemmija fl-Artikolu 22(3) u dokumenti li jappoġġjawhom bħal ma huma biljetti tat-toqol u vawċers tal-kunsinja u, verifika tat-toqol, tip ta' prodotti u l-identifkazzjoni tagħhom ta' mill-inqas 5 % tal-kwantità suġġetta għall-kontroll mhux imħabbar.

6. Fl-aħħar tal-perjodu ta' ħażna miftiehem, l-awtorità responsabbli għal kontroll għandha, skond il-kuntratt, permezz ta' kampjuni, tiċċekkja t-toqol u l-identifikazzjoni tal-prodotti fil-ħażna. Għall-iskopijiet ta' dan il-kontroll, il-parti kontraenti għandha tinforma lill-korp kompetenti, b'indikazzjoni tal-lottijiet/gruppi/btieti/fosos maħżuna involuti, ta' l-inqas ħamest ijiem qabel:

(a) l-egħluq tal-perjodu massimu ta' ħażna miftiehem; jew

(b) il-bidu ta' l-operazzjonijiet tat-tneħħija meta l-prodotti jkunu mneħħija qabel jiskadi l-perjodu massimu ta' ħażna miftiehem.

L-Istati Membri jista' jaċċetta limitu ta' żmien iqsar minn ħamest ijiem tax-xogħol.

▼B

7. Meta tapplika l-għażla tal-paragrafu 5(a), għandha tkun ikkontrollata l-preżenza u l-integrità tas-siġilli applikati fl-aħħar tal-perjodu ta' ħażna miftiehem. L-ispejjeż tas-siġġillar u tat-tqandil għandhom jinġarru mill-parti kontraenti.

8. Kull kampjun meħud għall-kontroll ta' kwalità u l-kompożizzjoni tal-prodotti għandu jittieħed minn uffiċjali tal-awtorità responsabbli għall-kontrolli jew fil-preżenza tagħhom.

Kontroll fiżiku jew kontroll tat-toqol għandu jsir fil-preżenza ta' dawn l-uffiċjali fil-proċedura ta' l-użin.

Għall-iskopijiet tar-rekord tat-tranżazzjonijiet, kull reġistru u dokument tal-ħażna u finanzjarju kkontrollat min dawn l-uffiċjali għandu jkun ittimbrat u innizjalat waqt iż-żjara ta' kontroll. Meta jkunu kontrollata r-rekords tal-kompjuter, kopja għandha tkun stampata u miżmuma fil-fajl ta' ispezzjoni.

Artikolu 37

Ir-Rappurtar

1. L-awtorità responsabbli għal kontroll għandha tagħmel rapport ta' kontroll dwar kull kontroll fuq il-post. Ir-rapport għandu jiddeskrivi l-prodotti differenti kkontrollati preċiżament.

Ir-rapport għandu jistabbilixxi:

(a) id-data u l-ħin tal-bidu tal-kontroll;

(b) id-dettalji tan-notifika minn qabel mogħtija;

(c) kemm dam il-kontroll;

(d) il-persuni responsabbli preżenti;

(e) in-natura u l-qies tal-kontrolli magħmula, partikolarment bid-dettalji tad-dokumenti u l-prodotti eżaminati;

(f) ir-riżultati prinċipali u l-konklużjonijiet;

(g) jekk hemmx bżonn segwitu.

Ir-rapport għandu jiġi ffirmat mill-uffiċjal responsabbli u kkontroffirmat mill-parti kontrattanti jew, meta japplika, mill-operatur tal-maħżen u għandu jiġi inkluż fid-dokument tal-ħlas.

2. Fil-każ ta' irregolaritajiet sinifikanti li jaffetwaw mill-inqas 5 % tal-kwantitajiet tal-prodotti koperti b'kuntratt waħdieni suġġetti għall-kontrolli, il-verifika għandha tiġi estiża għal kampjun akbar li jrid jiġi stabbilit mill-awtorità responsabbli mill-kontrolli.

3. L-awtorità responsabbli għall-kontroll għandha tirreġistra kull każ ta' nuqqas ta' konformità fuq il-bażi tal-kriterji tal-gravità, qies, tul u ripetizjoni li tista' tirriżulta f'eskluzjoni skond l-Artiklu 38(1), u/jew fil-ħlas lura ta' għajnuna li tħallset mingħajr ma kien mistħoqq, inkluż l-interessi fejn applikabbli, skond il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

▼B

Artikolu 38

Penali

1. Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ssib li dokument ippreżentat minn offerent jew applikant għall-attribuzzjoni tad-drittijiet li joriġinaw minn dan ir-Regolament ikollu informazzjoni skorretta u meta din l-informazzjoni skorretta tkun deċiżiva għall-attribuzzjoni ta' dawk id-drittijiet, l-awtorità kompetenti għandha teskludu lill-offerent jew applikant mill-proċedura ta' għajnuna għall-ħażna privata għall-istess prodott li fuqu ingħatat informazzjoni skorretta għal perjodu ta' sena minn meta ssir deċiżjoni amministrativa finali li tistabbilixxi l-irregolarità.

2. L-esklużjoni prevista miIl-paragrafu 1 ma għandiex tapplika jekk l-offerent jew l-applikant jagħti prova, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, li s-sitwazzjoni msemmija f'dakil-paragrafu tkun minħabba *force majeure* jew żball ċar.

3. Ħlas li ma kienx mistħoqq għandu jkun irkuprat, bl-interessi mingħand l-opertauri kkonċernati. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 73 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 ([1]) għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

4. Implimentazzjoni ta' penaltajiet amministrattivi u rkupru ta' ammonti imħallsa meta mhux mistħoqq, kif provdut f'dan l-Artikolu, huma mingħajr preġudizzju għall-kommunikazzjoni ta' irregolaritajiet lill-Kummissjoni skond ir-Regolament tal-Kummisjoni (KE) Nru 1848/2006 ([2]).

KAPITOLU VIII

Dispożizzjonijiet li jemendaw, li jirrevokaw u finali

Artikolu 39

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 562/2005

Il-Paragrafu 2 ta' l-Artikolu 1 u l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 562/2005 huma mħassra.

Artikolu 40

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 952/2006

Il-Kapitlu VIa tar-Regolament (KE) Nru 952/2006 jitħassar.

Madanakollu, jibqa' japplika għall-kuntratti konklużi fl-2008 skond il-Kapitlu mħassar.

Artikolu 41

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 105/2008

Il-Kapitlu III tar-Regolament (KE) Nru 105/2008 huwa mħassar.

Madanakollu, jibqa' japplika għall-kuntratti konklużi fl-2008 skond il-Kapitlu mħassar.

([1]) ĠU L 141, 30.4.2004, p. 18.
([2]) ĠU L 355, 15.12.2006, p. 56.

▼B

Artikolu 42

Revoki

Ir-Regolament (KEE) Nru 3444/90, (KE) Nru 907/2000, (KE) Nru 2153/2005, (KE) Nru 6/2008 u (KE) Nru 85/2008 huma revokati. Madanakollu, għandhom jibqgħu japplikaw għall-kuntratti konklużi skond ir-Regolamenti revokati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolaament.

Ir-Regolament (KE) Nru 2659/94 hu mħassar. ►**M1** Madanakollu, jibqa' japplika għall-kuntratti konklużi skont dak ir-Regolament revokat qabel l-1 ta' April 2009. ◄

Ir-Regolament (KE) Nru 414/2008 hu mħassar. Madanakollu, jibqa' japplika għall-kuntratti konklużi skond dak ir-Regolament revokat waqt is-sena tas-suq 2008/2009.

Artikolu 43

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

HTIĠIET TAL-KWALITÀ

Għajnuna għandha tkun mogħtija biss għall-ħażna ta' prodotti ta' kwalità kummerċjabbli tajba u ġusta, ta' oriġini Komunitarja u li għalihom kienu stabbiliti l-ħtiġijiet tal-kwalità.

Il-livelli ta' radjuattività fil-prodotti eliġibbli għall-għajnuna għall-ħażna privata m'għandhomx jaqbżu l-livell massimu permess, meta applikabbli, skond ir-regoli Komunitarji. Il-livell ta' kontaminazzjoni radjuattiva tal-prodotti għandu jiġi mmonitorjat biss jekk is-sitwazzjoni tkun hekk teħtieġ, u matul il-perjodu rekwiżit. Meta jkun hemm bżonn, it-tul u l-għan ta' kontrolli jkunu determinati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

I. **Laħam**

Għajnuna għall-ħażna privata għandha tingħata biss għal-laħam li jissodisfa il-kriterji li ġejjin:

(a) ċanga kklassifkata skond l-iskala Komunitarja tal-karkassi stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2006 ([1]), u identifikata skond l-Artioklu 4(3)(c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1669/2006 ([2]);

(b) il-karkassi tal-ħrief ta' inqas minn tnax-il xahar u biċċiet tagħhom li jiġu minn annimali identifkati skond ir-Regolament tal-Kunsill 21/2004 ([3]);

(ċ) għandu jkun minn annimali mrobbija fil-Komunità mill-inqas fl-aħħar tliet xhur fil-każ ta' ċanga, xahrejn fil-każ ta' laħam tal-majjal u laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż u maqtula mhux iktar minn għaxart ijiem qabel id-data li fiha l-prodotti jkunu mqiegħda fil-ħażna;

(d) għandu jkun idderivat minn bhejjem imrobbija skond il-ħtiġiet veterinarji prevalenti;

(e) għandu jkun kiseb il-marka tas-saħħa kif msemmi fis-Sezzjoni I ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]);

(f) ma għandu jkollu l-ebda karatteristika li tagħmlu mhux tajjeb għall-ħażna jew għall-użu sussegwenti;

(g) ma għandux jiġi minn bhejjem maqtula b'riżultat ta' miżuri ta' emerġenza;

(h) għandu jitqiegħed fil-ħażna fl-istat frisk u maħżun fl-istat iffriżat.

II. **Ġobon**

1. *Ġobon grana padano, parmigiano-reggiano u provolone*

Għajnuna għall-ħażna privata għandha tingħata biss għall-ġobon:

(a) ta' l-età minima prevista fl-Artikolu 28 (b) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 fid-data meta bdiet il-ħażna skond il-kuntratt u li ma kienx soġġett għal kuntratt ta' ħażna qabel;

(b) li kull lott tiegħu jiżen ta' l-anqas żewġ tunnellati;

(ċ) ittimbrat b'mod li ma jitħassarx bi:

(i) il-marka maħruġa mill-aġenzija maħtura mill-Istat Membru,

(ii) in-numru li jidentifka l-fabbrika li immanifatturathom,

([1]) ĠU L 214, 4.8.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 312, 11.11.2006, p. 6.
([3]) ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8.
([4]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55. Verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22.

▼B

(iii) ix-xahar tal-manifattura, li jista' jkun f'kodiċi,

(iv) marka speċjali tal-ħażna mqiegħda fuq l-ġobon meta jittieħed għall-ħażna sabiex tiddistingwihom minn dawk li mhumiex koperti b'kuntratt tal-ħażna;

2. *Ġobon li jżomm fit-tul, pecorino romano, kefalotyri u kasseri*

Għajnuna għall-ħażna privata għandha tingħata biss għal:

(a) ġobon intier;

(b) ġobon immanifatturat fil-Komunità u li:

(i) huwa immarkat b'linka li ma titħassarx b'indikazzjoni ta' l-impriża fejn ġie mmanifatturat u l-jum u x-xahar tal-produzzjoni; dawn ikunu indikati taħt forma ta' kodiċi;

(ii) għadda minn testijiet ta' kwalià li stabbilixxew il-klassifikazzjoni tiegħu wara li mmatura.

III. **Butir**

▼M2

Għajnuna għall-ħażna privata għandha tingħata biss għall-butir li jkun ġie prodott f'impriża approvata skont il-punti 1 (a), (b) u (c) tal-Parti III tal-Anness IV għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 ([1]), matul it-28 jum li jiġu qabel il-jum tal-applikazzjoni jew il-jum tal-preżentazzjoni tal-offerta.

▼B

Il-pakkett tal-butir għandu juri ta' l-inqas id-dettalji li ġejjin, li jistgħu ikunu f'kodiċi meta xieraq:

(a) in-numru li jidentifika l-fabbrika u l-Istat Membru ta' produzzjoni;

(b) id-data ta' produzzjoni;

(ċ) id-data tad-dħul fil-ħażna;

(d) in-numru ta' grupp ta' produzzjoni;

(e) il-kelma "bil-melħ" fil-każ tal-butir imsemmi fl-Artikolu 28(a) (ii) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;

(f) il-piż nett.

L-Istati Membri jistgħu iwarrbu l-obbligu li jindikaw id-data tad-dħul fil-ħażna fuq il-pakkett sakemm il-meniġer tal-maħżen jiddeċiedi li jżomm reġistru li fih jkunu miktuba d-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu fid-data tad-dħul fil-ħażna.

IV. **Zokkor**

Iz-zokkor li għalih tkun ippreżentata offerta jew applikazzjoni għandu jkun:

(a) zokkor abjad f'forma kristallina fi kwantità kbira u/jew f'boroż kbar (800 kg jew iktar) u/jew f'boroz ta' 50kg;

(b) prodott fil-kwota matul is-sena tas-suq li fih saret l-offerta jew l-applikazzjoni bl-esklużjoni taz-zokkor abjad irtirat, mħolli 'il quddiem jew offrut għal intervent pubbliku;

(ċ) ta' kwalità kummerċjabbli tajba u ġusta, ġieri, b'kontenut ta' umdità mhux iktar minn 0,06 %.

([1]) ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1.

▼B

ANNESS II

BUTIR MAĦŻUN FI STAT MEMBRU DIFFERENTI MINN DAK FEJN KIEN PRODOTT

Meta l-butir huwa maħżun fi Stat Membru differenti minn dak fejn kien prodott il-konklużjoni tal-kuntratt tal-ħażna għandu jkun suġġett għal preżentazzjoni ta' ċertifikat.

Iċ-ċertifikat għandu jkollu numru li jidentifika l-fabbrika u l-Istat Membru fejn kien prodott, id-data tal-produzzjoni u n-numru tal-grupp tal-produzzjoni u jikkonferma li l-butir kien prodott f'impriża approvata li hija soġġetta għal kontrolli li jiċċekkjaw li l-butir huwa prodott mill-krema jew mill-ħalib fit-tifsira tal-Artikolu 6(2)(b) u (d) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Iċ-ċertifikat għandu jkun fornit mill-korp kompetenti ta' l-Istat Membru fejn kien prodott sa 50 jum mid-data li fiha l-butir daħal fil-ħażna.

Fil-każ fejn il-butir huwa maħżun fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru fejn kien prodott, il-kuntratti għandhom ikunu konklużi sa 60 jum mid-data tar-reġistrazzjoni ta' l-applikazzjoni, fejn xieraq, soġġett għal konferma sussegwenti ta' l-eliġibbiltà tal-butir kif imsemmi fl-Artikolu 36(2) it-tieni subparagrafu. Fil-każ li ma jkunx hemm konferma ta' eliġibbiltà, il-kuntratt ikkonċernat għandu jkun null u bla effett.

Fejn l-Istat Membru ta' produzzjoni jkun wettaq il-verifiki dwar in-natura u l-kompożizzjoni tal-butir, iċ-ċertifikat għandu jkun fih ukoll ir-riżultati ta' dawk il-verifiki u konferma li l-prodott ikkonċernat huwa butir skond it-tifsira ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 28(a) (i) u (ii) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. F'dak il-każ, l-ippakkeġġjar għandu jkun issiġillat permezz ta' tikketta nnumerata maħruġa mill-korp kompetenti ta' l-Istat Membru ta' produzzjoni. Iċ-ċertifkat għandu jkollu in-numru tat-tikketta.

▼B

ANNESS III

RAPPURTAĠĠ TAD-*DATA*

A. **Żejt taż-żebbuġa**

(a) Mhux iktar tard minn kull nhar ta' Erbgħa, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni il-prezzijiet medji reġistrati fis-swieq rappreżentattivi tagħhom ewlenin il-ġimgħa ta' qabel għall-kategoriji differenti ta' żejt mniżżla fl-Anness XVI tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(b) Qabel il-31 ta' Awwissu, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni previżjoni tal-produzzjoni totali taż-żejt taż-żebbuġa u żebbuġ għas-sena tas-suq attwali u stima finali tal-produzzjoni totali taż-żejt taż-żebbuġa u żebbuġ għas-sena tas-suq ta' qabel.

(c) Minn Settembru sa Mejju ta' kull sena tas-suq, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, mhux iktar tard mill-15 ta' kull xahar, stima xahar b'xahar taż-żejt taż-żebbuġa u żebbuġ prodotti minn meta bdiet is-sena tas-suq ikkonċernata, kif ukoll aġġornament tal-previzjoni msemmija fil-punt (b).

(d) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' kollezzjoni ta' *data* li huma jiddeċiedu li hija l-iktar xierqa biex jiġbru u jippreparaw in-notifiki msemmija fil-punti (b) u (c) u għandhom jispeċifikaw, fejn xieraq, l-obbligi ta' komunikazzjoni tad-*data* ta' l-operaturi fis-settur taż-żebbuġ.

(e) Id-*data* msemmija fil-punti (a), (b) and (c) għandhom ikunu mibgħuta fuq il-formoli li tipprovdi l-Kummissjoni.

(f) Il-Kummissjoni tista' tuża sorsi ta' informazzjoni oħra.

B. **Ċanga**

Kalkolu tal-prezz tas-suq Komunitarju medju għall-karkassi tal-bhejjem ta' l-ifrat, espressi bħala grad R3

(a) Il-prezz medju tas-suq nazzjonali tal-kategorija A, espress bħala tal-grad R3, ikkalkolat skond it-tielet inċiż ta' l-Artikolu 3(a) tar-Regolament (KE) Nru 1669/2006.

(b) Il-prezz medju tas-suq nazzjonali tal-kategorija Ċ, espress bħala tal-grad R3, ikkalkolat skond it-tielet inċiż ta' l-Artikolu 3(a) tar-Regolament (KE) Nru 1669/2006.

(c) Il-prezz medju tas-suq nazzjonali tal-kategorija A/Ċ = il-piż medju ppeżat ta' l-(a) u l-(b) bil-piż irid jiġi bbażat fuq il-proporzjon tal-qatliet f'kull kategorija għat-total tal-qtil kollu nazzjonali tal-kategorija A/Ċ.

(d) Il-prezz medju tas-suq Komunitarju tal-kategorija A/Ċ = il-piż medju taċ-(ċ) bil-peżament ibbażat fuq il-proporzjon tal-qtil totali tal-kategorija A/Ċ f'kull Stat Membru mal-qtil totali tal-kategorija A/Ċ fil-Komunità.

▼B

ANNESS IV

KUNDIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦALL-OPERATURI FIS-SETTUR TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA

L-operaturi taż-żejt taż-żebbuġa jaqgħu f'waħda minn dawn il-kategoriji li ġejjin:

(a) Organizzazzjoni ta' produtturi li fiha ta' l-inqas 700 produtturi taż-żebbuġ jekk din taġixxi bħala organizzazzjoni għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni taż-żebbuġ u ż-żejt taż-żebbuġa;

(b) Organizzazzjoni ta' produtturi li tirrapreżenta ta' l-inqas 25 % tal-produtturi taż-żebbuġ jew tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa fir-reġjun li qiegħda fih;

(c) Assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi minn żoni ekonomiċi differenti u magħmula minn ta' l-anqas għaxar organizzazzjonijiet ta' produtturi kif imsemmi f'(a) u (b) hawn fuq jew numru ta' organizzazzjonijiet li jirrapprezentaw ta' l-anqas 5 % tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa fl-Istat Membru kkonċernat;

(d) Mitħna b'faċilitajiet li jistgħu jagħsru ta' l-anqas żewġ tunnellati f'jum ta' xogħol ta' tmien sigħat u li pproduċiet total ta' mill-inqas 500 tunnellata ta' żejt taż-żebbuġa verġni fis-sentejn tas-suq preċedenti;

(e) Ditta ta' l-ippakkjar b'kapaċità, fit-territorju ta' Stat Membru wieħed, ugwali ta' l-anqas għal 6 tunnellati ta' żejt ippakkjat għal kull ġurnata ta' xogħol ta' tmien sigħat, u li ppakkjat matul is-sentejn tas-suq preċedenti total ta' l-anqas ta' 500 tunnellata ta' żejt taż-żebbuġa.

Jekk waħda jew iktar mill-organizzazzjonijiet li jipproduċu jew jikkummerċjalizzaw iż-żebbuġ u ż-żejt taż-żebbuġa hija/huma membru jew membri ta' l-organizzazzjoni msemmija fil-punt (a) ta' l-ewwel subparagrafu, il-produtturi taż-żebbuġ involuti fi grupp bħal dan għandhom ikunu kkunsidrati individwalment meta jkun ikkalkulat in-numru minimu ta' 700 produttur.

L-operaturi taż-żejt taż-żebbuġa mhumiex eliġibbli jekk huma:

(a) suġġetti għall-proċeduri ta' ksur tar-Regolament (KE) Nru 865/2004 u Nru 1234/2007;

(b) kienu ppenalizzati minħabba ksur fl-iskema għall-għajnuna għall-produzzjoni stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE [1] fis-snin tas-suq 2002/03, 2003/04 u 2004/05;

(c) kienu ppenalizzati minħabba ksur fl-iskema li tiffinanzja attivitajiet ta' l-organizzazzjonijiet ta' operaturi taż-żejt stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1638/98/ [2] fis-snin tas-suq 2002/03, 2003/04 u 2004/05.

[1] ĠU 172, 30.9.1966, p. 3025/66.
[2] ĠU L 210, 28.7.1998, p. 32.